MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1963/2003

**Pater Finance Co. Ltd**
**(C-22643)**

**vs**

**Pierre Bugeja u martu Claire Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Ottubru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm176) rappresentanti l-import ta' tmien kambjali kollha ta' Lm22 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Frar 2003 sa Settembru 2003 ripsettivament u mhux imhallsa, annessi ma'l-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-24 ta' Settembru 2003 jammontaw ghal

Lm5, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Wara li ra n-nota tas-socjeta` attrici li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghal Lm13 bl-imghax mill-14 ta` Novembru 2003 u bl-ispejjez tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu kif ridott jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra d-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut fil-verbal tal-5 ta` Dicembru, 2003 fejn huwa ammetta li fadallu jhallas l-imghaxijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' tlettax-il lira Maltin (Lm13), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta` Novembru, 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------